MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Rikors Numru. 28/2013

**Margaret Galea (751333M),**

**Saviour Galea (701640M), Paul Galea (494936M), Rose Galea (684738M), Carmel Galea (515748M), Paul Musu (53660M), Wilfred Musu (516158M), Louise Bugeja (413856M) u**

**Isabelle Galea (257862M)**

***kontra***

**L-Awtorita` tad-Djar**

***u***

**Teresa armla Briffa**

***u***

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fil-<u>21 ta` Marzu 2013</u> li jaqra hekk :–

*1. Premess illi r-rikorrenti bhala werrieta ta` Nazzareno Galea huma l-proprjetarji tal-fond 18, Old Mint Street, Valletta ;*

*2. U billi permezz ta` kuntratt tad-19 ta` Novembru 1962 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia, l-imsemmi Nazzareno Galea ta dan il-fond lil certu Joseph La Rosa de Cristofaro b`titolu ta` enfitewsi temporanja ;*

*3. U billi Joseph La Rosa de Cristofaro, minghajr il-permess jew konjizzjoni tal-proprjetarju Nazzareno Galea, ittrasferixxa l-utile dominium tal-fond lill-mejjet Joseph Briffa u martu fl-1977 ;*

*4. U billi l-istess fond gie rekwizizzjonat mill-Awtorita` intimata fit-8 ta` April 1974 b`Ordni ta` Rekwizizzjoni Numru 7330 ;*

*5. U billi f`gheluq il-koncessjoni enfitewtika fid-19 ta` Novembru 1979, Joseph Briffa ppretenda li kellu jzomm il-pussess tal-fond taht titolu ta` kera, izda r-rikorrenti gew ezawtorati milli jopponu ghat-talba peress li ma kellhomx pussess tal-fond ghaliex kien gie rekwizizzjonat mill-Awtorita` intimata, u dan in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta` April 2004 fl-ismijiet `Nazzareno Galea et vs Giuseppe Briffa et` (Nru 342/1982) ;*

*6. U billi tul dawn is-snin kollha, l-esponenti kienu ghadhom qatt ma thallsu kumpens ghal tali okkupazzjoni u rekwizizzjoni u dan minkejja diversi nterpellanzi ;*

*7. U billi minkejja l-ilmenti tar-rikorrenti lill-awtoritajiet, l-awtoritajiet koncernati baqghu ma hadu l-ebda passi u ma huwa jhallas l-ebda kumpens ghat-tehid tal-fond in kwistjoni ;*

*8. U billi l-intimati jidhru illi abbandunaw il-fond in kwistjoni u hallewh jiddeterjora ;*

*9. U billi tul dan iz-zmien kollu, ir-rikorrenti lanqas setghu jaccedu ghall-fond bie jivverifikaw l-istat tal-fond premess ;*

*10. U billi fil-mori tal-kawza Margaret Galea et vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali (Cit. Nru. 542/08) il-Qorti appuntat lill-Perit Robert Musumeci sabiex permezz ta` rapport dwar il-fond premess jaghti stima tal-hsarat fil-fond, liema hsarat gew stamati fl-ammont ta` sebgha u sebghin elf, mija u tlieta u tletin Ewro u sittin centezmu (€77,133.60), u liema rapport ma giex ikkontestat mill-intimati ;*

*11. U billi fit-30 ta` Ottubru 2012, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet `Margaret Galea et vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali` (cit. Nru. 542/08 ikkundannat lill-konvenuti Awtorita` tad-Djar u Teresa armla Briffa, wara li ddikjarathom solidarjament responsabbli ghall-hlas ta` kumpens ghall-priovazzjoni tal-pussess tal-fond 18, Old Mint Street, Valletta, ghall-hlas ta` €16,217.09 bl-imghax legali mill-20 ta` Novembru 2009, u dan ghall-pussess tal-istess fond sal-20 ta` Frar 2008 kif ukoll ikkundannathom solidalment ihallsu €77,133.60 ghall-hsarat fil-fond ;*

*12. U billi l-awtorita` kompetenti ghadha sal-lum ma hallset xejn, u billi inoltre l-awtorita` naqset li thallas kwalsijasi forma ta` kumpens ghad-detenzjoni tal-fond fuq imsemmi sal-lum ;*

*13. U billi fi kwalsiasi kaz il-kumpens li l-awtorita` thallas ghal dan il-fond ma jirrifletti hl-ebda mod il-valur reali lokatizzju li l-awtorita` thallas ghal dan il-fond ma jirrifletti bl-ebda mod il-valur reali lokatizzju tal-fond in kwistjoni fuq is-suq u ghalhekk qeghdin isofru privazzjoni sproporzjonata fit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom ;*

*14. U billi f`April 2012 l-awtorita` harget ordni ta` derekwisizzjoni fuq il-fond imma baqghet ma rritordnatx il-fond lura lir-rikorrenti, u l-fond baqa`, sa fejn jafu r-rikorrenti, fil-pussess ta` Teresa armla Briffa ; illi jidher li l-istess Teresa armla Briffa qieghda tippretendi li tkompli tiddetjeni l-fond, anke jekk ma hiex qieghda in okkupazzjoni tieghu, b`titolu ta` kera skont l-emendi tal-1979 ghall-att dar id-dekontrol u dan billi l-istess fond kien precedentement detenut minnhom b`titolu ta` cens temporanju ; illi fir-rigward il-kera stabbilita bhala dovuta ghad-detenzjoni tal-post skont il-ligi bl-ebda mod ma tirrifletti l-kera attwali tal-fond fis-suq illum u ghalhekk anke f`dan ir-rigward hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ;*

*15. U billi r-rekwizizzjoni mill-Awtorita` ntimata ma saritx ghall-skopijiet pubblici, anzi saret fl-interess privat u ghaldaqstant ir-rekwizizzjoni nnifisha hija wahda llegali u dan meta l-fond kien sahansitra mehtieg mir-rikorrenti ghal uzu minn membri tal-familja taghhom ;*

*16. U billi inoltre, ir-rekwizizzjoni xorta wahda poggiet tbatija disproporzjonata fuq ir-rikorrenti u dan ghaliex minkejja li gie rekwizizzjonat il-fond, huma ma gewx moghtija kumpens u l-Awtorita` naqset milli tassigura li tithallas il-kera lir-rikorrenti, u fi kwalsiasi kaz il-kumpens dovut ghall-perjodu mill-20 ta` Frar 2008 sal-lum ma jirrifletti il-valur lokatizju tal-fond fuq is-suq illum, u hemm avarija sproporzjonata bejn dak li l-ligi tistabilixxi bhala kera u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq ghall-perjodu mill-20 ta` Frar 2008 sal-lum ;*

*17. U billi anke wara l-hrug tad-derekwisizzjoni baqghu jigu vjolati d-drittijeit tar-rikorrenti u dan billi l-fond ma nghatax lura lilhom wara tali derekwisizzjoni, u l-okkupazzjoni tal-fond minn Teresa armla Briffa b`kera stabbilita skont l-att dwar id-dekontroll bl-ebda mod ma tirrifletti l-valur lokatizju tal-fond fis-suq f`dan il-perjodu u ghalhekk hija fiha nnifisha lesiva tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ;*

*18. U billi ghalhekk gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti ghat-tgawdija taghhom bl-ordni ta` rekwizizzjoni u tehid fuq imsemmi, kif ukoll bin-nom konsenja lura tal-fond bil-kontinwata detenzjoni tal-fond minn Teresa Briffa wara t-tnehhija tar-rekwizizzjoni b`titolu naxxenti mill-Att dwar id-dekontroll, liema drittijiet vjolati jinsabu protetti mill-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara li bil-kontinwata privazzjoni tar-rikorrenti mill-pussess tal-fond fuq imsemmi 18, Old Mint Street, Valletta, ghall-perjodu mill-20 ta` Frar 2008 sal-lum, l-ewwel taht it-titolu tar-rekwizizzjoni fuq imsemmija, in-non konsenja lura tal-fond wara t-tnehhija tal-ordni ta` rekwisizzjoni, u l-kontinwata detenzjoni tal-fond wara dakinhar sal-lum minn Teresa Briffa taht titolu naxxenti taht l-Att dwar id-Dekontroll, qeghdin jigu vjolati d-drittijiet fondamentali taghhom hekk kif protetti bl-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ;*

*2. Tikkundanna lill-intimati jirrilaxxaw liberu u vojt f`idejn ir-rikorrenti l-fond fuq imsemmi ;*

*3. Tillikwida kull kumpens dovut lilhom b`rizultat tal-okkupazzjoni tal-fond fuq imsemmi u b`konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom hekk kif fuq spjegat u dan ghall-perjodu mill-20 ta` Frar 2008 sal-lum ;*

*4. Taghti kull ordni u rimedju iehor xieraq jew opportun biex tigi spurgata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom hawn lamentata, inkluz li l-intimati jigu kkundannati jhallsu danni u kumpens li talvolta tista` tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bhala dovuta lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni tal-intimati.*

Rat l-elenku tad-dokumenti li kienu prezentati mar-rikos promotur.

Rat ir-risposta li l-intimata Awtorita` tad-Djar ipprezentat fit-18 ta` April 2013 u taqra hekk –

*1. Illi s-sentenza citata mir-rikorrenti (datata 30 ta` Ottubru 2012) iffissat il-kumpens dovut lilhom ghal privjazzjoni tal-proprjeta` sal-20 ta` Frar 2008 fl-ammont ta` €16,217.09 li jridu jithallsu lill-atturi mill-Awtorita` tad-Djar u mill-okkupant tal-fond Tereza Briffa solidalment bejniethom ; ikkundannat ukoll lill-intimati Awtorita` tad-Djar u Tereza Briffa solidalment bejniethom sabiex ihallsu d-danni sofferti fil-fond mill-atturi, liema danni gew likwidati fl-ammont ta` sebgha u sebghin elf, mija tlieta u tletin ewro u sittin centezmu (€77,133.60) lill-atturi. Din il-kawza tal-lum hi kawza ghalhekk li trid tkopri l-kumpens dovut ghal privazzjoni tal-proprjeta` ghall-perjodu wara dak li dwaru gia` kien hemm decizjoni.*

*2. Illi intant l-esponenti hargu ordni ta` de-rekwisizzjoni fit-12 ta` Marzu 2012 u dan sabiex jigu agevolati s-sidien fir-ripresa tal-proprjeta` taghhom. Fil-fatt meta l-atturi kienu ttentaw jiehdu lura l-pussess tal-fond*

*f`gheluq il-koncessjoni emfitewtika fid-19 ta` Novembru 1979 huma ma rnexxilhomx jaghmlu dan minhabba l-Ordni ta` Rekwizizzjoni – Nazzareno Galea et vs Giuseppa Briffa et deciza 16/04/2004 (Citaz 342/1982) – Qorti tal-Appell. Issa dan ix-xkiel ma ghadux hemm. Kien hemm pero` xkiel iehor konsistenti fl-Art 12 u 12A tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta – dak l-ixkiel ghadu vigenti.*

*3. Illi ntant il-kumpens xieraq ghall-privazzjoni tal-proprjeta` ma ghandux ikun il-valur kummercjali tal-kera tal-fond. Dan hu konfermat minn diversi sentenzi kemm nostrani kif ukoll tal-Qorti Ewropea. Referenza ssir ghas-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali : kawza – "Louis Apap Bologna v. Calcidon Ciantar, l-Awtorita` tad-Djar, u l-Avukat Generali** – deciza fl-24 ta` Frar 2012 (Appell Civili Numru 57/2009/1).*

*Illi jekk l-atturi qatt ma thallsu kumpens ghat-tehid tal-proprjeta` taghhom dan kien ghaliex huma ma accettawx il-hlas offrut lilhom. Ta` dan ir-rifjut ma ghandux ibati l-Istat li fil-fatt offra tali kumpens.*

*4. Illi intant it-tehid jew restrizzjoni fuq id-dritt ta` proprjeta` ghall-iskop li tinghata akkomodazzjoni socjali lill-persuni li jkunu fi bzonn ta` tali akkomodazzjoni, fil-fatt tikkostitwixxi skop pubbliku u ghalhekk bhala tali mhijiex lesiva tad-drittijiet fundamentali tas-sidien. Tkun tikkostitwixxi lezjoni biss jekk il-kumpens offert ma jkunx proporzjonat mal-piz imqieghed fuq id-dritt tal-proprjeta`.*

*5. Ill ladarba tnehhiet l-Ordni ta` Rekwizizzjoni l-Istat ma ghandu ebda setgha ohra fuq il-fond jew fuq l-okkupanti u jekk oltre ghall-Ordni ta` Rekwizizzjoni l-okkupanti ma kellhom ebda setgha ohra li setghet tipprotegihom fil-pussess tal-fond, allura s-sidien huma hielsa li jipprocedu b`success ghar-ripresa tal-post. Jekk is-sidien ma taw ebda titolu iehor lill-okkupanti u jekk*

*tnehhiet l-Ordni ta` Rekwizizzjoni allura s-sidien ma ghandu jkollhom ebda xkiel sabiex jiehdu lura l-fond. Dan it-tehid lura ma jistax isir mill-Awtorita` tad-Djar li, ladarba tkun nehhiet l-ordni ta` rekwizizzjoni, ma jkun fadlilha ebda setgha ohra fuq il-post.*

*6. Illi s-sentenza fl-ismijiet "Margaret Galea vs Awtorita` tad-Djar et" – datata 30 ta` Ottubru 2012 kontra l-Awtorita` tad-Djar titlaq mill-premessa li l-Awtorita` hi responsabbli ghax kellha l-pussess legali tal-fond. Dan ma baqax il-kaz ladarba saret l-Ordni ta` Derekwizizzjoni. Wara tali ordni l-Awtorita` ma baqghalhiex pussess u setgha fuq il-fond. Kull talba ghalhekk tista` issa biss tigi rivolta fil-konfront tal-okkupanti li presumibilment issa ma ghandhom ebda titolu jew Ordni li jista` jipprotegihom.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Nazzareno Galea et vs Giuseppa Briffa et" (Citaz. Numru 342/1982 – A.C. – 16 ta` April 2004) jinghad li "ladarba l-atturi ma ghandhomx pussess tal-fond huma ma setghux jagixxu ghall-izgumbrament ta` Joseph Briffa mill-istess fond u dan ghaliex mill-mument tal-ordni ta` rekwizizzjoni u sakemm din tibqa` ssehh 'il-pussess tal-fond u d-disponibbilta` tieghu ma humiex aktar f`idejh, izda f`idejn l-amministrazzjoni' u wkoll li ladarba kien l-okkupant Briffa tal-istess fond kien cittadin ta` Malta u kien juza l-fond bhala residenza tieghu mela allura l-artikolu 12 tal-Kap. 158 japplika ghalih u ghalhekk huwa jokkupa l-istess fond b`titolu ta` kera".*

*Mela in vista ta` dan ukoll it-talbiet tar-rikorrent kontra l-esponenti ma jistghux jintlaqghu.*

*7. Illi **l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza – "Louis Apap Bologna v. Calcidon Ciantar, l-Awtorita` tad-Djar u l-Avukat Generali"** – deciza fl-24 ta` Frar 2012 (Appell Civili Numru 57/2009/1" dwar il-kumpens li ghandu jithallas f`kazijiet simili tghid hekk :-*

*"32. Il-fatt biss li f`dan il-kaz instab li kien hemm biss nuqqas ta` fair balance billi l-appellant kien qed jinghata kera baxxa, ma jigix radrizzat billi l-appellant jinghata l-kera kollha li kien idahhal kieku l-post ma kienx rekwizizzjonat.*

*33. F`kazijiet bhal dawn, fejn jittiehdu mizuri legittimi fil-qasam ta` akkomodazzjoni socjali, il-kumpens jista` jkun anqas mill-kumpens shih kieku wiehed kellu joqghod biss fuq is-suq liberu."*

*8. Intant ukoll dik is-sentenza ddecidiet ukoll li l-okkupant ma kellux jigi ordnat jerhi l-fond sabiex il-lezjoni tad-dritt fundamentali tigi spurgata. Huwa ben stabbilit li ordni ta` rekwizizzjoni mahrug sabiex tigi protetta persuna, fih innifsu mhuwiex leziv tad-dritt fondamentali tal-proprjeta`. Ikun hemm din il-lezjoni jekk il-kumpens moghti ma jkunx proporzjonat vis-a-vis ir-restrizzjoni fuq il-proprjeta`.*

*9. Issa pero` wkoll irid jinghad li fil-kaz odjern l-okkupant ma kienx biss protett mill-Ordni ta` Rekwizizzjoni imma kien protett ukoll mill-Art 12 u 12A tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi f`dan is-sens referenza ampja ssir ghas-sentenza fl-ismijiet "**Giovanna sive Jennifer u zewgha Maruice Casha v. Chairman tal-Awtorita` tad-Djar et" deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta` Novembru 2012 (Rik 85/2011), per Onor. Imhallef Anthony Ellul.** F`dik il-kawza l-fatti huma identici ghal dawk f`din il-kawza – l-esitu kien diametrikament oppost. Meta wiehed jara z-zewg sentenzi flimkien jaghraf mill-ewwel l-izbalji kardinali maghmula fis-sentenza odjerna li qed tigi appellata. Isir ukoll evidenti illi l-kwotazzjoni minn Santu Wistin fil-kawza appellata hi ghal kollox barra minn lokha. Hu evidenti li l-ewwel Onorabbli Qorti f`din il-kawza li qed tigi appellata, ma qiesitx sewwa bizzejjed il-fatti u l-konsegwenzi legali taghhom – ossia ma qiesitx ic-cens li kien hemm, is-subcens li segwa u l-Art 12 u 12A tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta. Kieku l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet hekk u fittxet il-gustizzja tramite l-ligi minflok tramite l-kuncetti filosofici, l-esitu tal-kawza kien ikun aktar legalment korrett.*

*L-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirreferi ghal din is-sentenza citat (**Giovanna sive Jennifer u zewgha Maurice Casha v Chairman tal-Awtorita` tad-Djar et deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili – Sede Kostituzzjonali – fis-16 ta` Novembru 2012 – Rik 85/2011 – Per Onor. Imhallef Anthony Ellul**), fl-intier taghha – hija sentenza elaborata u legalment preciza. Imma ntant ghal kull buon fini qed tigi riportata d-decide ta` dik is-sentenza:*

*"10. F`dan ix-xenarju ma jistax jinghad li l-ordni ta` rekwizizzjoni qieghed ikollha l-effett li minnu qeghda tilmenta r-rikorrenti, cjoe` li minhabba fih ma tistax tagixxi gudizzjarjament biex tiehu lura l-pussess tal-fond. Irrispettivament mill-ordni ta` rekwizizzjoni, l-intimata Xuereb tidher li ghandha protezzjoni wkoll taht il-Kap. 158, li m`huwiex meritu ta` dawn il-proceduri. Mejqus li l-kirja taht il-Kap. 158 m`hijiex meritu ta` dawn il-proceduri u l-ilment tar-rikorrenti hu limitat ghall-ordni ta` rekwizizzjoni, wiehed ma jistax jasal biex jiddeciedi dwar jekk il-kontroll ta` uzu ta` proprjeta huwiex jaghti lok biex is-sid igorr piz eccessiv u sproporzjonat minhabba li l-Istat ikun naqas milli jzomm bilanc gust bejn l-interess generali tal-komunita` u d-dritt tas-sid li jgawdi hwejgu.*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi r-rikors billi :- 1) Tichad l-ewwel eccezzjoni ta` Maria Dolores Xuereb ; 2) Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali bl-ispejjez kontra tieghu ; 3) Tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju ; 4) Tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha."*

Rat ir-risposta li l-Avukat Generali pprezenta fid-<u>19 ta` April 2013</u> u li taqra hekk :–

*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, in kwantu l-esponent m`ghandux il-mansjoni li johrog ordnijiet ta` rekwizizzjoni u ma hemm ebda allegazzjoni imputabbli lilu, l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur*

*f`dawn il-proceduri a tenur ta` l-artikolu 181B tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*[ara : **Louis Apap Bologna kontra Calcidon Ciantar; L-Awtorita` tad-Djar; L-Avukat Generali**, deciza mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta` Lulju, 2011 u mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta` Frar, 2012; **Vica Ltd v. Kummissarju tal-Artijiet et** deciza fit-3 ta` Frar 2012; **Giovanna sive Jennifer u zewgha Maurice Casha vs Chairman ta` l-Awtorita` tad-Djar, L-Avukat Generali u Maria Dolores Xuereb ghal kull interess li jista` jkollha**, deciza mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili, (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-16 ta` Novembru, 2012] ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qed jallegaw li "l-kontinwata detenzjoni tal-fond ... minn Teresa Briffa taht titolu naxxenti taht l-Att dwar id-Dekontroll, qeghdin jigu vjolati d-drittijiet fondamentali taghhom hekk kif protetti bl-Ewwel Artiklu ta` l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni" l-kawza odjerna taqa` fl-istess parametri tar-referenza kostituzzjonali 303/90 FD fl-ismijiet **"Nazzareno Galea u b`digriet tal-20 ta` Dicembru 1998 l-atti gew trasfuzi f`isem Paul Galea, Margaret Galea, Rose Galea, Saviour Galea, Carmel Galea, M`Louise Bugeja, Isabell Galea, Wilfred Musu u Paul Musu stante l-mewt ta` Nazzareno Galea fil-mori tal-kawza vs Giuseppe Briffa u b`digriet tal-11 ta` Dicembru 1990 l-Onor. Prim` Ministru u d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali gew kjamati fil-kawza"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Novembru, 2001, u ghalhekk l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti f`dan is-sens huma res judicata ;*

*[ara : **Matthew Lanzon v. Kummissarju tal-Pulizija**]*

*3. Illi dejjem minghajr pregudizzju u ukoll in linea preliminari, hija l-umli fehma ta` l-esponenti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-proviso ta` l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu mir-rikors promutur ma jirrizultax li r-rikorrenti ezawrixxew ir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli favur taghhom qabel ma ntavolaw il-proceduri odjerni specjalment izda mhux biss tenut kont tal-fatt li minn '**Dok B**' pprezentat minnhom stess mar-rikors*

*promotur jirrizulta li l-fond in kwistjoni gie derekwizizzjonat fit-12 ta` Marzu 2012 u mir-rikors promotur ma jirrizultax li hemm xejn aktar x`josta lir-rikorrenti li jiehdu lura l-pussess tal-imsemmi fond u jigbru l-kera allegatament dovuta lilhom permezz ta` proceduri quddiem qorti ta` gurisdizzjoni civili kif effettivament ghamlu permezz tal-kawza numru 542/2008 ezebita bhala '**Dok A**' mar-rikors promotur ;*

*4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :-*

*4.1. Illi ma hemm l-ebda ksur ta` l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif allegat mir-rikorrenti ;*

*4.2. Illi it-tehid temporanju jew restrizzjoni fuq id-dritt ta` propjeta` ghall-skop li tinghata akkomodazzjoni socjali lill-persuni li jkunu fi bzonn ta` tali akkomodazzjoni, fil-fatt tikkostitwixxi skop pubbliku u ghalhekk bhala tali mhijiex leziva tad-drittijiet fundamentali tas-sidien ;*

*4.3. Illi r-rikorrenti inghataw kumpens xieraq u proporzjonat u dan huwa manifest ukoll mill-fatt li r-rikorrenti accettaw is-somma minnhom stess likwidata fl-ammont ta` €16,217.09 rapprezentanti l-kera skond il-ligi sal-20 ta` Frar, 2008 [liema somma l-konvenuti l-ohra f`din il-kawza gew ikkundannati jhallsu lir-rikorrenti b`sentenza tal-Prim` Awla tal-Qorti Civili tat-30 t` Ottubru, 2012 fl-ismijiet 'Margaret Galea et vs l-Awtorita` tad-Djar et' (Dok A)] b`dan illi ma hemm lebda lezjoni tal-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni jekk wara l-imsemmija data r-rikorrenti jinghataw l-kera dovuta lilhom skond l-istess parametri u kriterji uzati fil-kawza civili fl-ismijiet 'Margaret Galea et vs l-Awtorita` tad-Djar et' (Dok A) ;*

*4.4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpens xieraq ghall-privazzjoni tal-propjeta` ma ghandux ikun il-valur kummercjali tal-kera tal-fond ;*

*[ara : Qorti Kostituzzjonali – "**Louis Apap Bologna v. Calcidon Ciantar, l-Awtorita` tad-Djar u l-Avukat Generali** – deciza fl-24 ta` Frar, 2012 (Appell Civili Numru. 57/2009/1)]*

*4.5. Illi ladarba tnehhiet l-Ordni ta` Rekwizizzjoni l-Istat ma ghandu ebda setgha ohra fuq il-fond jew fuq l-okkupanti u jekk oltre ghall-Ordni ta` Rekwizizzjoni l-okkupanti ma kellhom ebda setgha ohra li setghet tipprotegihom fil-pussess tal-fond, allura s-sidien huma hielsa li jipprocedu b` success ghar-ripresa tal-post ;*

*4.6. Illi inoltre, in kwantu r-rikorrenti qeghdin ukoll jallegaw li "Teresa armla Briffa qieghda tippretendi li tkompli tiddetjeni l-fond anke jekk ma hiex qieghda in okkupazzjoni tieghu, b`titolu ta` kera skond l-emendi tal-1979", kull allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ;*

*[ara : Qorti Kostituzzjonali – **Nazzareno Galea u b`digriet tal-20 ta` Dicembru 1998 l-Atti gew trasfuzi f`isem Paul Galea, Margaret Galea, Rose Galea, Saviour Galea, Carmel Galea, M`Louise Bugeja, Isabell Galea, Wilfred Musu u Paul Musu stante l-mewt ta` Nazzareno Galea fil-mori tal-kawza vs Giuseppe Briffa u b`digriet tal-11 ta` Dicembru 1990 l-Onor. Prim` Ministru u d-Direttur tal-Akkomodazzjoni socjali gew kjamati fil-kawza** – deciza fit-30 ta` Novembru, 2001 (Rik Nru 303/90 FD)]*

*4.7. Illi finalment u minghajr pregudizzju, dato ma non concesso li gew lezi d-drittijiet sanciti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u/jew l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif qed jallegaw ir-rikorrenti, l-esponent jissottometti wkoll illi r-rimedji mitluba mir-rikorrenti mhumiex gustifikati ;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponent, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.*

Rat illi ghalkemm fil-21 ta` Gunju 2013, l-intimata Teresa armla Briffa kienet debitament notifikata skond il-ligi, inkluz bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, hija ma pprezentatx risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Lulju 2013 fejn il-Qorti giet infurmata li c-cwievet tal-fond 18, Old Mint Street, Valletta, kienu konsenjati fl-10 ta` Lulju 2013.

**Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2013 fejn in vista tal-fatt illi c-cwievet tal-fond 18, Old Mint Street, Valletta, kienu kkonsenjati lir-rikorrenti fl-10 ta` Lulju 2013, ir-rikorrenti ddikjaraw li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghat-tieni u ghar-raba` talbiet filwaqt li kienu qeghdin izommu fermi l-ewwel u t-tielet talbiet.**

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn, wara talba mir-rikorrenti, innominat lill-Perit Alan Saliba bhala perit tekniku sabiex jistabilixxi l-valur lokatizju fis-suq liberu tal-fond 18, Old Mint Street, Valletta bejn il-21 ta` Frar 2008 u l-10 ta` Lulju 2013.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit tekniku fil-21 ta` Novembru 2013, u li kienet konfermata bil-gurament fl-udjenza tat-12 ta` Dicembru 2013.

Rat in-nota li pprezentaw ir-rikorrenti fis-17 ta` Dicembru 2013 fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-6 ta` Frar 2014 fejn hatret bhala periti teknici addizzjonali lill-Periti Valerio Schembri, Godwin Abela u Mario Cassar bl-istess inkariku li kellu l-ewwel perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni li pprezentaw il-periti addizzjonali fil-11 ta` Marzu 2014, u li kienet konfermata minnhom bil-gurament fl-udjenza tad-29 ta` Mejju 2014.

Rat il-verbal tal-access kondott mill-Qorti fil-fond 18, Old Mint Street, Valletta, fit-8 ta` Lulju 2014.

Semghet ix-xiehda tal-Perit Alan Saliba fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2014.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

**Fil-kawza tal-lum, il-provi huma fis-sostanza kostitwiti minn dokumenti : <u>senjatament</u> : is-sentenza ta` din il-Qorti (fil-procediment ordinarju nru 542/2008 RCP) fil-kawza "Margaret Galea et vs l-Awtorita` tad-Djar et" deciza fit-30 ta` Ottubru 2012 (Dok A) ; in-notifika ta` de-rekwizizzjoni datata 12 ta` Marzu 2012 relattiva ghall-fond 18, Triq iz-Zekka l-Qadima, Valletta (Dok B) ; rapport tekniku *ex parte* datat 28 ta` Ottubru 2011 rilaxxjat mill-Perit Ruben Sciortino lir-rikorrent Charles Galea (Dok C) ; ir-relazzjoni tal-perit tekniku Alan Saliba ; ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali Periti Valerio Schembri, Godwin Abela u Mario Cassar ; u x-xiehda in eskussjoni tal-Perit Alan Saliba.**

### 1) <u>Ir-relazzjoni tal-ewwel perit tekniku</u>

Il-Qorti hatret lill-Perit Alan Saliba bhala perit tekniku bl-inkariku li jistabilixxi l-valur lokatizju fis-suq liberu tal-fond 18, Old Mill Street, Valletta bejn il-**<u>21 ta` Frar 2008 u l-10 ta` Lulju 2013</u>**.

Fir-relazzjoni, il-perit tekniku stima l-valur tal-fond fl-istat li tinsab fih illum liberu u frank fl-ammont ta` €112,000.

Il-perit tekniku stima wkoll il-valur lokatizju tal-fond bejn il-21 ta` Frar 2008 u l-10 ta` Lulju 2013 fl-ammont shih ta` **€18,297** (ara l-iskeda a fol 55 tal-process).

**2) Ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali**

Fir-relazzjoni taghhom, il-periti addizzjonali stmaw il-fond 18, Triq Zekka, Valletta, fl-istat li kien fl-4 ta` Marzu 2014 (data tal-access li ghamlu l-periti addizzjonali) liberu u frank fl-ammont ta` €350,000.

In kwantu jirrigwarda l-valur lokatizju tal-fond bejn il-21 ta` Frar 2008 u l-10 ta` Lulju 2013, l-istima tal-periti addizzjonali kienet fl-ammont shih ta` **€55,251** (ara l-iskeda a fol 102 tal-process).

**3) L-eskussjoni tal-ewwel perit tekniku**

Waqt l-eskussjoni, il-**Perit Alan Saliba** xehed illi meta gie biex jistabilixxi l-valur tal-fond de quo, apparti l-istat attwali tal-post, huwa qies il-valur tieghu bhala residenza mhux bhala fond kummercjali ; ghaliex il-kriterju ta` valutazzjoni li adotta ma kienx l-uzu li seta` jsir mill-fond fil-futur inkluz ghall-finijiet kummercjali izda l-uzu li sar mill-fond sa dakinhar tal-istima li kien qieghed jaghmel.

**4) <u>Kostatazzjonijiet teknici</u>**

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**<u>Calleja vs Mifsud</u>**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu* ***<u>jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt</u>*** *li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova ... -* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha *(dictum expertorum numquam transit in rem judicata),* fl-istess waqt dak ma jfissirx illi qorti tista` taghmel dan b`mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**<u>Grima vs Mamo et noe</u>**" – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni tar-relazzjoni ma tkunx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**<u>Cauchi vs Mercieca</u>**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "**<u>Saliba vs Farrugia</u>**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "**<u>Tabone vs Tabone et</u>**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**<u>Calleja noe vs Mifsud</u>**" (op. cit.) ; "**<u>Attard vs Tedesco et</u>**" - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u **<u>"Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et"</u>** (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Dicembru 2008).

**III. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali</u>**

L-**<u>Art 181B tal-Kap 12</u>** jaqra hekk :-

*(1) Il-Gvern għandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :*

*Izda, mingħajr pregudizzju għad-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu :*

*(a) kawzi għall-gbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mill- Accountant General ;*

*(b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta` servizz mal-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;*

*(c) kawzi dwar kuntratti ta` provvista jew ta` appalt mal-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mid-Direttur tal- Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f`dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jigu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Ġenerali u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat Ġenerali. In-notifika lill-Avukat Ġenerali ssir bla ħlas lir-reġistratur.*

Fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti mhux jattakkaw il-validita` ta` ligi. Lanqas ma huma qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li ligi jew parti minnha qeghda tikser xi jedd fondamentali taghhom. It-talba ewlenija tar-rikorrenti hija dikjarazzjoni li l-kontinwata privazzjoni da parti taghhom tal-fond de quo tikkostitwixxi ksur ta` jedd fondamentali taghhom li huwa mhares bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni. Il-parametri tal-azzjoni gudizzjarja huma

delineati mit-talbiet, ghax il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda, hekk kif din tkun giet proposta. Huwa ritenut li fl-ghoti tad-decizjoni, il-gudikant ghandu joqghod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni, in partikolari ta` dak mitlub mill-attur (ara : **PA/PS** – "**Stephen Sciberras vs Av. Francesco Depasquale et noe**" – 9 ta` Dicembru 2002).

Din il-Qorti mhijiex tara l-htiega li l-Avukat Generali jkun prezenti bhala intimat fil-procediment tal-lum. Fil-fehma taghha, l-Avukat Generali kellu jigi notifikat biss bir-rikors promotur kif jipprovdi l-Art 181B(3) [*supra*].

**Fic-cirkostanzi, il-Qorti ssib li hija fondata l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u ghalhekk tghid illi l-Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti.**

## IV. L-eccezzjonijiet l-ohra tal-Avukat Generali

**Ladarba kkonkludiet li l-Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, il-Qorti sejra tieqaf hawn safejn jirrigwarda l-Avukat Generali, u ghalhekk mhijiex sejra tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra tieghu.**

## V. Il-mertu

Il-kontestazzjoni tal-intimata l-Awtorita` tad-Djar hija dwar il-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti.

It-talbiet li fadal x`jigu decizi huma l-ewwel u t-tielet talba :-

<u>L-ewwel talba</u> taqra :

*Tiddikjara li bil-kontinwata privazzjoni tar-rikorrenti mill-pussess tal-fond fuq imsemmi 18, Old Mint Street, Valletta, ghall-perjodu mill-20 ta` Frar 2008 sal-lum, l-ewwel taht it-titolu tar-rekwizizzjoni fuq imsemmija, in-non konsenja lura tal-fond wara t-tnehhija tal-ordni ta` rekwisizzjoni, u l-kontinwata detenzjoni tal-fond wara dakinhar sal-lum minn Teresa Briffa taht titolu naxxenti taht l-Att dwar id-Dekontroll, qeghdin jigu vjolati d-drittijiet fondamentali taghhom hekk kif protetti bl-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.*

<u>It-tielet talba</u> taqra :

*Tillikwida kull kumpens dovut lilhom b`rizultat tal-okkupazzjoni tal-fond fuq imsemmi u b`konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom hekk kif fuq spjegat u dan ghall-perjodu mill-20 ta` Frar 2008 sal-lum.*

**Fl-ewwel talba, ir-rikorrenti qeghdin isostnu li garrbu privazzjoni kontinwata tal-fond de quo, li kienet lesiv ghall-jeddijiet fondamentali taghhom kif imharsa bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni :-**

**i) bhala konsegwenza tar-rekwizizzjoni ; skond l-atti, il-fond kien rekwizizzjonat fit-8 ta` April 1974 u r-rekwizizzjoni tnehhiet fit-12 ta` Marzu 2012 ;**

**ii) bhala konsegwenza tal-fatt illi wara li tnehhiet ir-rekwizizzjoni, baqghu ma nghatawx lura l-fond : skond l-atti, ir-rikorrenti hadu lura c-cwievet tal-fond de quo fl-10 ta` Lulju 2013 ;**

**iii) bhala konsegwenza tal-fatt illi wara li ghalaq ic-cens fid-19 ta` Novembru 1979, l-intimata Teresa Briffa baqghet tiddetjeni l-fond a tenur tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Jekk il-Qorti ssib li xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel talba kkagunaw ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti skond l-Art 37 tal-Kostituzzjoni u skond l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, allura tghaddi sabiex tqis it-tielet talba. Jekk l-ewwel talba ma tkunx tirrizulta, allura ma jibqax skop ghall-konsiderazzjoni tat-tielet talba.

**<u>Dwar ic-cirkostanza (i),</u>** il-Qorti tirrileva :-

a) Illi fit-28 ta` Mejju 2008, ir-rikorrenti pprezentaw rikors guramentat Nru 542/2008 quddiem din il-Qorti fejn *inter alia* ppremettew li l-fond de quo kien gie rekwizizzjonat fis-16 ta` April 1974 b`ordni ta` rekwizizzjoni numru 7330, illi matul is-snin kemm ilu okkupat bis-sahha tar-rekwizizzjoni baqghu ma thallsux kumpens, u li l-kumpens dovut kien jammonta ghal €16,217.09. It-talbiet kienu dawn :-

*1. Tiddikjara l-intimati jew min minnhom responsabbli ghal hlas ta' kumpens ghal privazzjoni tal-pussess tal-fond 18, Old Mint Street, Valletta lir-rikorrenti.*

*2. Tikkundana l-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ammont ta' sittax-il elf mitejn u sbatax-il ewro u disgha centezmi (€16,217.09) ekwivalenti*

*ghal sitt elef disa' mija tnejn u sittin lira Maltija jew ammont verjuri iehor bl-imghax skont il-ligi.*

*3. Tiddikjara, jekk ikun il-kaz, l-intimati jew min minnhom responsabbli ghal hsarat fil-fond 18, Old Mint Street, Valletta ; u tillikwida l-valur ta' dawn id-danni occorrendo bin-nomina ta' perit tekniku.*

*4. Tikkundana l-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati.*

b) Illi l-kawza kienet deciza fit-30 ta` Ottubru 2012. Minnha ma kienx hemm appell. Fis-sentenza, jinghad hekk :-

*1. Tiddikjara l-intimati solidalment bejniethom responsabbli ghall-hlas ta' kumpens ghall-privazzjoni tal-pussess tal-fond 18, Old Mint Street, Valletta lir-rikorrenti.*

*2. Tikkundana l-intimati solidalment bejniethom sabiex ihallsu l-ammont ta' sittax-il elf mitejn u sbatax-il ewro u disgha centezmi (€16,217.09) ekwivalenti ghal sitt elef disa' mija tnejn u sittin lira Maltija (Lm6,962) bl-imghax legali mid-data tal-20 ta' Novembru 2009 sal-effettiv pagament.*

*3. Tiddikjara lill-intimati solidalment responsabbli ghal hsarat fil-fond 18, Old Mint Street, Valletta ; u tillikwida l-valur ta' dawn id-danni fl-ammont ta' seba' u sebghin elf, mija tlieta u tlettin ewro u sittin centezmu (€77,133.60).*

*4. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati fl-ammont ta' seba' u sebghin elf, mija tlieta u tlettin ewro u sittin centezmu (€77,133.60) lill-atturi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati solidalment bejniethom.*

c) Illi r-rekwizizzjoni tnehhiet fit-12 ta` Marzu 2012 u allura qabel kienet deciza dik il-kawza ;

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li fejn tirrigwarda c-cirkostanza (i) l-ewwel talba hija nsostenibbli ghaliex ghaz-zmien kollu li ghadda bejn id-data tal-hrug tal-ordni ta` rekwizizzjoni (16 ta` April 1974) u d-data tat-tnehhija taghha (12 ta` Marzu 2012) kif ukoll sat-30 ta` Ottubru 2012, kien hemm kundanna ta` l-intimati Awtorita` tad-Djar u Teresa Briffa li solidament bejniethom ihallsu lir-rikorrenti l-kumpens illi talbu, apparti d-danni ghal hsarat. Sabiex jirkupraw dak dovut lilhom, ir-rikorrenti kellhom il-posizzjoni taghhom ampjament tutelata bil-hrug ta` atti ezekuttivi skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap 12. Ghal din il-Qorti, huwa inaccettabbli li r-rikorrenti jirrikorru ghal procediment eccezzjonali bhal ma huwa dak tal-lum biex jirkupraw il-hlas ta` kumpens meta dak il-kumpens kien determinat b`sentenza ta` qorti ordinarja li ghaddiet in gudikat u meta kellhom il-mezzi kollha kontemplati mil-ligi ordinarja sabiex jesegwixxu d-dritt ghall-hlas. Ghalhekk il-Qorti qeghda tirrespingi l-pretensjoni tar-rikorrenti skond ic-cirkostanza (i).**

**<u>Dwar ic-cirkostanza (ii)</u>**, il-Qorti tirrileva hekk :-

a) Illi fid-data tal-presentata tar-rikors tal-lum (21 ta` Marzu 2013) ir-rikorrenti ma kienux fil-pussess effettiv tal-fond de quo wara t-tnehhija tal-ordni ta` rekwizizzjoni ;

b) Illi ma jirrizultax illi wara s-sentenza tat-30 ta` Ottubru 2012, ir-rikorrenti pprezentawx atti quddiem il-qrati ordinarji sabiex jiehdu l-pussess effettiv tal-fond de quo ;

c) Illi dan tal-lum kien l-uniku procediment intavolat mir-rikorrenti sabiex jiehdu lura l-pussess effettiv tal-fond de quo bejn it-30 ta` Ottubru 2012 u l-21 ta` Marzu 2013 ;

d) Illi a tergo ta` fol 39 jirrizulta li l-intimata Teresa Briffa kienet notifikata bir-rikors promotur fil-21 ta` Gunju 2013 ;

e) Illi skond il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Lulju 2013, jirrizulta li r-rikorrenti nghataw ic-cwievet tal-fond de quo fl-10 ta` Lulju 2013.

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li lanqas ic-cirkostanza (ii) ma hija sostenibbli ghaliex ir-rikorrenti ma kellhomx jirrikorru ghar-rimedju kostituzzjonali, li l-Qorti terga` tirriafferma li huma rimedju eccezzjonali, meta kellhom ghad-disposizzjoni taghhom rimedji tant basilari u effettivi skond il-ligi ordinarja. Inoltre ma hemmx il-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi bic-cirkostanza (ii) kien hemm lezjoni tal-jeddijiet fondamentali citati mir-rikorrenti fl-ewwel talba.**

**Dwar ic-cirkostanza (iii),** il-Qorti tirrileva :-

a) Illi fl-1982 l-awtur tar-rikorrenti, Nazzareno Galea, ipprezenta citazzjoni bin-Nru 342/1982 kontra Giuseppe Briffa, ir-ragel tal-intimata Teresa Briffa, quddiem din il-Qorti fejn talab l-izgumbrament tieghu, wara li Briffa baqa` jiddetjeni l-fond 18, Old Mint Street, Valletta, anke wara li ghalaq ic-cens temporanju tal-fond fid-19 ta` Dicembru 1979 ;

b) Illi fis-26 ta` Mejju 1987, din il-Qorti tat sentenza fejn cahdet it-talba attrici ;

c) Illi fit-3 ta` Gunju 1987, l-attur appella ;

d) Illi fil-kors tal-appell, u cioe` fil-15 ta` Novembru 1989, il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza lil din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha Nru 303/1990 sabiex tistabilixxi jekk l-Att XXIII tal-1979 kienx null u jmur kontra l-Kostituzzjoni ;

e) Illi b`sentenza tat-28 ta` Ottubru 1994, din il-Qorti ddikjarat li ma kienx hemm lezjoni tal-jeddijiet tal-attur kif protetti bl-Art 37 u bl-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni. U marret oltre ghax lanqas ma sabet vjolazzjoni tal-Konvenzjoni. Infatti fil-motivazzjoni, il-Qorti ghamlet ampja riferenza ghall-posizzjoni legali u gurisprudenzjali tal-ECHR ;

f) Illi l-atturi appellaw u b`sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Novembru 2001, l-appell kien michud u s-sentenza tat-28 ta` Ottubru 1994 kienet konfermata ;

g) Illi fis-16 ta` April 2004, il-Qorti tat is-sentenza taghha fil-kawza 342/1982 billi cahdet l-appell tal-atturi u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-26 ta` Mejju 1987 ;

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li l-ksur allegat mir-rikorrenti tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni fil-kuntest tac-cirkostanza (iii) diga` kien trattat *in extenso* u b`mod shih minn dawn il-Qrati, qeghda ghalhekk tirrafferma dak li diga` kien deciz u kwindi qeghda tirrespingi l-pretensjoni tar-rikorrenti skond ic-cirkostanza (iii).**

Respinta l-ewwel talba fl-intier taghha, ma hemmx lok li tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-tielet talba.

Finalment il-Qorti tirrileva fit-3 ta` Settembru 2014 ir-rikorrenti pprezentaw kontijiet tad-dawl u ilma tal-fond de quo ghaz-zmien meta l-fond ma kienx fil-pussess effettiv taghhom u li kienu kostretti jhallsu sabiex ma jinqatax is-servizz. Ghalkemm b`digriet taghha tad-19 ta` Frar 2015, din il-Qorti ammettiet id-dokumenti bhala prova, fl-istess waqt qeghda tirrespingi l-fondatezza taghhom, fil-kuntest tal-assjem tat-talbiet tar-rikorrenti fl-istanza tal-lum, ghaliex il-prova li qeghdin iressqu r-rikorrenti ma tinkwadrax ruhha fit-talbiet li ressqu. Naturalment jibqa` mpregudikat id-dritt tar-rikorrenti li jekk jidhrilhom imorru quddiem il-Qrati ordinarji sabiex jirkupraw l-esbors illi ghamlu.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Avukat Generali.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tar-raba` talbiet tar-rikorrenti stante li dawn kienu rtirati fil-mori tal-kawza.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimata Awtorita` tad-Djar.**

**Tichad l-ewwel u t-tielet talbiet tar-rikorrenti.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------